# M. Adeodata Pisani ...Il-Beata Maltija

minn Emily BARBARO SANT

**Fid-9 ta' Mejju 2001**, f'ċerimonja mill-isbaħ fuq il-Fosos tal-Floriana u quddiem folla immensa ta' nies li bħalha din il-Pjazza qatt ma rat, il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II ibbeatifika lil tlieta minn ħutna Maltin. Unur kbir għar-Reliġjon Kattolika u għal pajjiżna. Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u M. Adeodata Pisani ġew dikjarati mill-Papa bħala nies li f'ħajjithom għexu l-vokazzjoni bl-akbar reqqa.

Jiena ġejt mistiedna biex nagħti tagħrif dwar **Marija Adeodata Pisani** u x-xogħol ta' żewġi u tiegħi f'dan ir-rigward. Ta' dan nirringrazzja lill-editur ta' dan il-ktejjeb, is-sur Frans Deguara, kif ukoll lid-Direzzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-Mosta, għall-inizjattiva tagħhom li organizzaw Quddiesa b'sufraġju għal ruħ żewġi hekk kif semgħu bl-aħbar tal-mewt għal għarrieda tiegħu.



## Min hi Adeodata Pisani?

Fid-29 ta' Diċembru 1806, Alla l-imbierek żejjen lill-koppja Benedetto Pisani Mompalao u martu Vincenza Carrano b'tarbija li semmewha Tereża. Benedetto kien Baruni Malti filwaqt li Vincenza kienet bint Nutar Naplitan. Il-propjetà li kellu l-Baruni Benedetto kienet kbira ħafna u billi Tereża kienet l-uniku wild ta' din il-koppja, kienet werrieta ta' ġid kbir anke minn naħa ta' nannitha li ħallietha eredi universali.

Il-koppja Benedetto u Vincenza kellhom ħafna problemi bejniethom minħabba li Benedetto kien aktar moħħu fix-xorb u fl-affarijiet frivoli tad-dinja milli fil-familja. Dan wassal biex il-koppja sseparaw meta Tereża kien għad kellha sena biss. Tereża ntbagħtet Malta biex tgħix fir-Rabat ma' nannitha li kienet il-mimmi ta' għajnejha. Ġara li n-nanna mietet meta Tereża kellha 10 snin u għaldaqstant Tereża reġgħet ġiet mibgħuta Napli ħdejn ommha.

Bħal tfal oħra tal-klassi soċjali tagħha, Tereża ntbagħtet fl-aħjar skejjel u kulleġġi biex tieħu l-edukazzjoni tagħha. Minn żmien għal żmien il-ġenituri tagħha kienu jingħaqdu u jerġgħu jibdew jgħixu flimkien bħala familja.

Fl-Ewropa, dak iż-żmien kien hawn ħafna problemi politiċi. Tant li fl-1821, minħabba li f'Napli seħħew rewwixti kbar u Benedetto ngħaqad ma' xi nobbli Naplitani, kiser difru mal-liġi u nqabad priġunier. Ħelisha mit-tgħallieq u ġie lura Malta għax kien Malti u ċittadin Ingliż.

Tereża bdiet titfarfar u l-ġenituri tagħha, bħal oħrajn ta' żmienha tal-klassi soċjali tagħha, bdew jaħsbu biex iżewġuha ma' xi ħadd 'tat-tajjeb' bħalha. Il-pjanijiet ta' Tereża kienu differenti. Hi xtaqet tiżżewweġ imma mhux lil dak magħżul mill-ġenituri tagħha. L-għarus li riedet Tereża kien speċjali. Billi kienet toqgħod ir-Rabat, ta' sikwit kienet tmur titlob fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu` (Ta' Ġieżu) u fil-Knisja ta' San Mark (l-Agostinjani). Kienet tħobb titlob ħafna lill-Madonna taħt it-titlu tal-Bon Kunsill u quddiem il-kwadru tagħha fil-Knisja ta' San Mark biex hi tilluminaha x'għandha tagħmel.

Darba minnhom, f'dan il-ħin ta' talb u riflessjoni tisma' vuċi tgħidilha: "Postok hu fil-Monasteru ta' San Pietru l-Imdina." U hekk iddeċidiet li tagħmel. Din id-deċizjoni ma niżlet tajjeb xejn mal-ġenituri tagħha, iżda mal-parir, Tereża ġiet mogħtija l-għajnuna u l-forza biex timxi mas-sejħa tal-Mulej u tagħżel LILU bħala Għarus Divin tagħha.

Kif kienet id-drawwa, hija ressqet it-talba tagħha biex tidħol soru tal-klawsura u din ġiet aċċettata. Dlonk għamlet ir-rinunzja tal-ġid li kien imissha. Ħallset id-dejn kollu li kellu missierha. Ħalliet ġid biżżejjed lil ommha biex tgħix diċenti u barra xi obbligazzjonijiet oħra, ħasbet fit-tfajliet u ġuvintur li xtaqu jieħdu l-istat tagħhom fil-ħajja reliġjuża u ma kellhomx mezzi. Żammet ukoll ftit flus (kif kien permess), biex tgħin lill-foqra li kienu jżuru l-Monasteru jitolbu l-karità.

Fis-16 ta' Lulju 1828 hija daħlet fil-Monasteru San Pietru u fit-8 ta' Marzu ta' sentejn wara hija għamlet il-Professjoni Solenni. Tereża saret issa jisimha M. Adeodata li jfisser "Mogħtija kollha kemm hi lil Alla".

Ħajjitha fil-Monasteru kienet waħda ta' ġabra, xogħol u talb kif titlob ir-Regola ta' San Benedittu. Okkupat

diversi karigi bħal Maestra tan-Novizzi, Sagristana, Purtinara u anke Badessa. Ċerti użanzi bħal dik li kienet teżisti differenza bejn il-membri ta' l-istess komunità, ma kinux jogħġbuha, tant li ġiebet riforma li ma niżlitx tajjeb mal-komunità kollha.

L-aktar li spikkat fiha kienet l-imħabba li kellha lejn il-proxxmu. Kienet lesta tgħin lil kull min kellu bżonn, saħansitra ċediet il-kamra tagħha lil waħda mis-sorijiet li kienet marida ħafna.

Ħajjitha fil-Monasteru ma kienet xejn speċjali. Kienet biss perfetta fil-qadi ta' dmirijietha u fir-Regola ta' San Benedittu. Kienet din il-ħajja sempliċi iżda perfetta li wasslitha għall-qdusija.

Għaliha ma żammet xejn, anqas in-neċessarju - l-ikel tagħha. Hija kienet tagħtih kuljum lill-foqra. Insibu dokumenti li meta ġieli qabditha s-sogħla u kienu jagħmlulha l-għasel, hija kienet tagħti l-għasel lill-morda u għaliha żżomm iċ-ċarċir li jibqa' mat-tazza biex tkun obdiet.

F'qasir il-għomor ħakmitha marda li wasslitha għall-mewt. L-esperti li eżaminaw il-fdalijiet tagħha, stqarrew li l-għadam tagħha kien daqs ta' waħda malnutrita. Swor Adeodata mietet fil-25 ta' Frar 1855 - id-data li ħabbret hija stess! - fl-età ta' 48 sena u waqt li kienet qed tbus il-Kurċifiss. Hekk kif xterdet l-aħbar tal-mewt tagħha, in-nies bdiet tgħid: "Mietet il-Qaddisa" u hekk kien, għax Adeodata kienet qaddisa.

Xi snin wara bdew il-proċeduri għall-Kawża għall-Kanonizzazzjoni tagħha. Inġabret ix-xhieda ta' dawk li kienu jafuha u l-Kawża kienet miexja. Ġara iżda li s-sorijiet ma setgħux ikomplu jħallsu l-flus kif meħtieġ u l-Postulatur kellu jieqaf mix-xogħol.

Mal-medda tas-snin saru xi tentattivi oħra biex il-Kawża titkompla iżda kollha fallew. Fl-1989, il-Komunità Benedittina raw li reġa' wasal iż-żmien li jagħmlu tentattiv ieħor u ħajjru lill-Markiż Arthur Barbaro-Sant biex jieħu f'idejh ix-xogħol ta' tkomplija ta' din il-Kawża li kienet ilha s-snin wieqfa. Ma kienx faċli li wieħed jiġbor informazzjoni għax f'Malta ma kien hawn ħadd li kien jaf jagħti dan it-tagħrif. Iżda, ta' bniedem determinat li kien, medd għonqu għax-xogħol. Fuq parir ta' Mons. Injazju Sciberras Psaila sar kuntatt mal-Kardinal Pietro Palazzini li kien għadu kif irtira minn Prefett għall-Kongregazzjoni tal-Qaddisin. Dan uriena l-proċeduri u n-nies tekniċi li kellna bżonn. Bħala Postulatur ġie maħtur Prof. Padre Ernesto Piacentini OFM Conv. Bħala *Relatore* (dak li qabel kien jissejjaħ l-avukat tax-xitan) inħatar Mons. Jose Luis Gutierraz u Dottor Enrico Venanzi bħala avukat.

Dawn aġġornaw ix-xogħol tekniku f'Ruma kif kien issa meħtieġ skond il-Kostituzzjoni l-ġdida, u żewġi u jiena mexxejna d-devozzjoni lejn il-Venerabbli Marija Adeodata Pisani f'Malta. Dan kien xogħol meħtieġ ħafna għax billi kienu għaddew ħafna snin minn meta l-Kawża twaqqfet, in-nies kienu kważi nsewha bl-eċċezzjoni ta' dawk ta' ċerta età, fir-Rabat u l-Imdina.

Bil-għan li Adeodata ssir aktar magħrufa mal-poplu, ġie ppublikat ktieb dwar ħajjitha imħejji mis-sur Joe Flask. Stampajna mat-300,000 santa tagħha bi tliet lingwi li ġew imqassma waqt laqgħat ta' talb, funzjonijiet fil-knejjes f'Malta u Għawdex, waqt taħdidiet lit-tfal ta' l-iskejjel u fiċ-Ċentri tad-Duttrina, laqgħat lill-Għaqdiet reliġjużi u ċivili taż-żgħażagħ, anzjani u oħrajn. Fi ftit żmien, grazzi għall-ħidma bla serħan tal-Koordinatur Arthur Barbaro-Sant, id-devozzjoni lejn Adeodata f'Malta u Għawdex xegħlet bħal ħuġġieġa ma' kullimkien.

Grupp magħmul min-nies dedikati u devoti ta' Adeodata, kienu u għadhom iżuru l-isptarijiet ixerrdu d-devozzjoni lejn Adeodata fost il-morda u dawk li jżuruhom. U bi pjaċir ngħidu li sar u għadu jsir ħafna ġid. Jinsab rekord sħiħ ta' fejqan bl-interċessjoni ta' Adeodata.

Għal numru ta' snin konna nxandru Quddiesa kull xahar fuq Radju Malta Nazzjonali u drabi oħra fuq l-MTV bil-għan li nilħqu lil dawk li ma joħorġux minn djarhom u lil dawk li jieħdu ħsiebhom.

Fuq inizjattiva tal-Koordinatur Arthur Barbaro-Sant, il-Gvern ħareġ Bolla Kommemorattiva ta' 4ċ. fl-1991 u fuq ħidma tiegħu ukoll issemmew żewġ toroq għaliha - waħda fil-Qala, Għawdex u l-oħra, bi pjaċir ninnutaw fiż-żona taż-Żokrija, il-Mosta. B'hekk il-Mosta, barra li x-xogħol għall-Kawża ta' Adeodata fil-maġġoranza tiegħu sar hawn, tħaddan fiha wkoll triq imsemmija għall-Adeodata li qiegħda fiż-żona taż-Żokrija.

Biex isir dan ix-xogħol kienu jinħtieġu l-ispejjeż iżda hawn ukoll kien jinħtieġ l-għaqal biex ma jsir xejn bla bżonn. Sa llum l-istampar tal-*POSITIO SUPER VIRTUTIBUS* (id-dokumentazzjoni neċessarja għall-Kawża) kien isir Ruma. Il-Koordinatur Arthur Barbaro-Sant talab permess minn Ruma biex dan jiġi stampat Malta u ġie aċċettat. B'hekk ġew iffrankati eluf kbar ta' liri. Kawżi oħra segwew. Din id-dokumentazzjoni ġiet ippreżentata fil-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fis-17 ta' Jannar 1995.

Il-Miraklu abbinat mal-Kawża, twettaq ma' Badessa Benedittina Giuseppina Damiani fil-Monasteru San Giovanni Battista ta' Subiaco. Din il-Badessa kellha mard serju b'diversi kumplikazzjonijiet tant li t-tabib kuranti tagħha meta ra li l-mediċina ma setgħetx tfejjaqha u l-pazjenta kienet waslet fl-aħħar ta' ħajjitha ordna li jiġu amministrati lilha s-Sagramenti.

Patri Benedittin Malti Dom Antonio Debono li kien devot ta' M. Adeodata Pisani, ħa miegħu Subiaco biċċa drapp mil-libsa ta' Adeodata, żarrat ħajta minnha u taħielha biex tiblagħha filwaqt li b'talb ħerqan, hu u l-Komunità bdew Tridu lis-Santissima Trinita bl-interċessjoni ta' Adeodata għall-fejqan tal-Badessa. Hin bla waqt, Madre Damiani irremettiet it-tumur, qamet mis-sodda u libset waħedha b'għaġeb kbir għal sħabha

u għall-Patri Debono. Dan il-miraklu meta studjat, ġie deskritt bħala "*un miracolo bello e sano*".

Bil-preżentazzjoni tal-*POSITIO* tal-Miraklu, ix-xogħol kollu meħtieġ kien lest u l-Kawża ta' M. Adeodata Pisani kienet qed tistenna fil-lista biex meta jmissha tkun diskussa, isir ix-xogħol fuqha li sar dan l-aħħar bejn Frar u April 2001.

Fiż-żjarat tagħna f'Ruma li għenu mhux ftit biex il-Kawża ta' M. Adeodata Pisani titħaffef kien ikollna laqgħat ta' siwi kbir ma' kuntatti importanti. Fost affarijiet oħra, sirna nafu mingħand Kardinal li snin qabel kien Sotto Segretarju tal-Papa, li kienet ix-xewqa espressa tal-Q.T. il-Papa preżenti li dawk il-pajjiżi li m'għandhomx Beati u/jew Qaddisin tagħhom iżda li x-xogħol kollu fuqhom lest, jitħaffu u jingħataw preċedenza. U fuq dan il-punt konna bdejna nużaw ċerta pressjoni b'mod mill-aktar prudenti biex il-Kongregazzjoni tressaq il-Kawża ta' Adeodata Pisani għad-diskussjoni.

Mhux mingħajr ċerta reżistenza, l-għan li ħadem għalih Arthur Barbaro-Sant u jiena miegħu u bit-talb tal-Komunità Benedittina ta' l-Imdina, u l-għajnuna ta' ċirku żgħir ta' nies sħabna, li lkoll kemm aħna ħdimna b'tant determinazzjoni u ħerqa tul is-snin, dan laħaq il-qofol tiegħu fid-9 ta' Mejju 2001 meta l-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara lil M. Adeodata Pisani bħala Beata.

Sfortunatament, u dan ngħidu l-aktar b'raġunar uman, min ta ħajtu għal dan ix-xogħol qaddis biex ixerred id-devozzjoni u tkun magħrufa Adeodata llum m'għadux magħna għax Alla l-Imbierek għoġbu jsejjaħlu għal għandu fid-19 ta' Jannar 2001, iżda d-dedikazzjoni u l-ħidma tiegħu taw frott mill-aktar bnin li lkoll kemm aħna nistgħu nduqu minnu. Dan hu l-premju li tah Alla l-Imbierek u li l-bniedem ċaħħdu minnu.

Ma nwarrbux il-frott bnin li ħareġ mill-Beatifikazzjoni! Inkunu devoti tal-Beati tagħna u nirrikorru għall-interċessjoni tagħhom fil-bżonnijiet kollha tagħna, għax b'hekk u b'hekk biss lil dawn it-tlieta minn ħutna li Alla l-Imbierek għoġbu jonorana bihom, nistgħu ġurnata narawhom bħala Qaddisin Kanonizzati fuq l-artali tagħna.

Ix-xogħol għall-Kanonizzazzjoni m'huwiex kbir bħal dak li sar s'issa. Li jinħtieġ issa hu li tiġi mxerrda d-devozzjoni biex meta Alla l-Imbierek jogħġbu, jwettaq miraklu bl-interċessjoni tagħhom. Dan, jekk u meta konfermat, iwassal biex Malta wkoll ikollha sehemha fil-lista tal-Qaddisin Kanonizzati.

WE 5
Bar & Restaurant
Triq il-Mulett, Qawra
*Fully Airconditioned*
**Set Menu • Snacks**
**A La Carte • Take-Away**
Tel: 574598/412965/412950/410671/414611